MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1098/2003

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**Vs**
**Mario Farrugia u Carmen Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi :

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 28 ta' Mejju, 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dok 'A'), is-socjeta attrici ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm 26, 728.60) bilanc ghad-debitu fil-

“Loan Accounts” ta’ Mario u Carmen mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B6” u Dok “C1 sa C2”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt hawn fuq indikat u cioe’ dak datat 28 ta’ Mejju, 1997 in atti Nutar Dottor Joseph Lia (Dok. “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u / jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-p0ssibilita’ tal-hlas lura ta’ limsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Frar, 2003 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt hawn fuq indikat u cioe dak datat 28 ta’ Mejju, 1997 in atti Nutar Dottor Joseph Lia (Dok. “A”) parikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u / jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

p0ssibilita’ tal-hlas lura ta’ limsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.
(2) Tikkundanna lil Mario u Carmen mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm 26, 728.60) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Mario u Carmen mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B6” u Dok “C1 sa C2”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Frar 2003 mibghuta lill-konvenuti kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Farrugia li biha eccepiet:

Illi l-ecipjenti illum qedgha f’impossibilita li tonora l-obbligi naxxenti mill-kuntratt tat-28 ta’ Mejju 1997 stante illi min dak inhar tal-kuntratt inbdew proceduri ta’ separazzjoni bejn il-konvenuti u min meta nbdiet din il-procedura l-konvenut Mario Farrugia kapriccosament waqaf mill-hlas tal-pagament relattiv ghall-imsemmi self u l-konvenuta ma ebda forma ta’ dhul biex thallas il-pagamenti hi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta’ ghoxrin elf, mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM 20,275.20) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza (fol. 43);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-konvenut Mario Farrugia debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Illi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attrici kif ridotti jirrizultaw pruvati.

Rigward l-eccezzjoni tal-konvenuta jigi osservat li meta hija, flimkien ma zewgha hadet il-*loan facility* mill-bank, hija wkoll assumiet l-obbligu tal-hlas lura tas-self fit-termini tal-kuntratt relativ; u certament m'hiex raguni valida bil-ligi li minhabba d-dizgwid fil-hajja matrimonjali taghha l-konvenuta fil-prezent m'hiex fil-posizzjoni li tonera l-obbligi kontrattwali taghha.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' ghoxrin elf, mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM 20,275.20) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma flimkien mal-imghaxijiet mit-22 ta' Gunju 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------